MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 140/2012

**MELITA p.l.c. [C-12715]**

**vs**

**Jean Pierre CAMILLERI [ID. Nru. 19785M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-27 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' tmien mija hamsa u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu ta' euro [€885.31] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici qeghda titlob l-ammont ta' tmien mija u hamsa u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu (€885.31) rapprezentanti somma ta' bilanc dovut ghal servizzi ta' "Data" u "TV" fil-fond Flat 1, 305, Triq St. Albert, Gzira u dan skont l-istatements ta' zewg kontijiet b'numri 533937 u 210297 qed jigu mmarkati bhala Dok. A, rapprezentanti servizzi moghtija mis-socjeta Melita p.l.c.,

liema servizzi moghtija mis-socjeta Melita p.l.c., liema servizzi ma gewx imhallsin;

Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi nterpellat sabiex ihallas u jirritorna l-apparat, huwa baqa inadempjenti;

Bl-imghaxijiet skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-9 ta' Lulju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta' Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija hamsa u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu ta' euro [€885.31], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------